**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 606/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Sylvester James**

**Reginald James**

Illum l-4 ta' Settembru 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-imputati Sylvester James, iben Anthony u Helena nee' Galea, 62, Triq Indri Cilia, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' 209586M, imwieled Pieta', nhar it-28 t'April 1986

u lil

Reginald James, iben Anthony u Helena nee' Galea, 62, Triq Indri Cilia, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' 23890M, imwieled il-Pieta', nhar it-28 ta' Dicembru 1989.

U nakkuzahom talli nhar is-6 t'Ottubru 2019, bejn il-hamsa u sitta ta' wara nofsinhar (17.00hrs – 18.00hrs) gewwa Blk2, Misrah Dan Gwann, fil-Belt Valletta u/jew f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer;

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe li jikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kyle Dominic Galea, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a), 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Sylvester James wahdu:

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkaguna griehi ta' natura hafifa b'arma li tniggez fuq il-persuna ta' Kyle Dominic Galea hekk kif certifikat minn Dr. Sarah Debattista (med reg: 3945) u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) u 221(2) tal- kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorti jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal- artiklu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Reginald James wahdu:

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kyle Dominic Galea hekk kif certifikat minn Dr. Sarah Debattista (med reg: 3945) u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal- kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il Qorti hija gentilment mitluba tittratta mal-imputati bhala recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li gew misjuba hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Kyle Dominic Galea bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba illi f`kaz ta` htija, tikkundanna lil akkuzati jhallasu l-ispejjes kollha li ghandhom x`jaqsmu ma l-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri, f`dak iz-zmien u f`dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni skond l-artikolu 533 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2019, kif ukoll dak li sar fit-18 ta' Mejju 2020 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-18 ta' Gunju 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

**Fil-konfront ta' Sylvester James u Reginald James:**

a. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Sylvester James wahdu:**

d. Fl-artikoli 214, 215, 216, 217 u 41(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Folio 7-8 u 129-130 ta' l-atti processwali
[2] Folio 101 ta' l-atti processwali

e. Fl-artikoli 221(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Reginald James wahdu:**

g. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-22 ta' Gunju 2020[3], l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputati separatament u individwalment wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom u wissiethom solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlhom zmien bizzejjed biex jergghu' jikkonsultaw ma l-avukat taghhom u jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha.

Rat li l-imputati regghu tennew u kkonfermaw l-ammissjoni inkondizzjonata taghhom.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputati il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputati.

[3] Folio 138 ta' l-atti processwali

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni taghhom, l-imputati effettivament mhumiex ħatja tar-reati addebitati lilhom. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda li xhedu, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali dwar il-piena fl-istess udjenza tas-27 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatt tal-kaz fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar is-6 ta' Ottubru 2019 meta l-pulizija rcevew zewg telefonati separati imma relatati minghand certu Christianne Spiteri fejn din talbet l-assistenza tal-pulizija minhabba l-fatt li l-girien ta' fuqha fejn tirrisjedi kien waddab il-mutur tal-elettriku tat-tifel minn fuq ghal isfel u kien qieghed jghajjat u jiddisturba l-komun. Minn naha l-ohra l-pulizija gew infurmati wkoll li kien hemm ragel li x'aktarx kien involut f'incident fejn safa ferrut b'daqqa b'xi arma.

Meta l-pulizija wasslu fuq il-post innotaw diversi oggetti mkissrin, fosthom mutur tat-*toys*, dispenser tal-ilma u kien hemm ukoll ammont ta' demm. Fuq il-post instab ukoll certu Kyle Dominic Galea li kien mimli

demm u b'daqqa kbira fuq wara ta' rasu. Il-*partner* ta' Kyle Dominic Galea, li kienet tqila dak iz-zmien, instabet ukoll fuq il-post taht xokk qawwi bi tfal taghhom mwerwrin.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2020 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilhom, u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti.

1. Il-fedina penali voliminuza ta' l-imputati fejn inghataw diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jirriformaw ruhhom. Madankollu din il-Qorti tara li l-imptutati xorta baqghu ixelfu difrejhom mal-ligi u fil-fatt gew akkuzati bl-addebitu tar-recidiva.

2. L-amissjoni ta' l-imputati. Ghalkemm din l-amissjoni ma saritx fl-iktar stadju bikri tal-procedura, xorta ghandu jista jigi kkunsidrat li l-amissjoni saret fil-mori tal-kawza u hija attentwanti a favur l-imputati fic-cirkostanzi tal-kaz.

3. Ir-rikors kongunt ta' l-Avukat Generali u tal-imputati Sylvester James u Reginald James ai termini ta' l-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali data 14 ta' Lulju 2020[4] li fiha jaqblu illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-imputati l-aktar sanzjoni jew mizura idoneja li ghandha tigi nflitta fuqhom ghandha tkun is-segwenti:

- Fil-konfront ta' Sylvester James, sentenza ta' prigunerija effettiva ghal perjodu kumplessiv ta' erba' (4) snin u multa ta' mija u sittax -il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)
- Fil-konfront ta' Reginald James, ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin;
- Kif ukoll fir-rigward taz-zewg imputati il-hlas tal-ispejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd),17, 31, 49, 50, 533, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 214, 215, 216, 217 u 41(a), 221(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil:

**Reginald James Hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kollha kontrih u wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza

[4] Folio 145 ta' l-atti processwali

t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordnijiet.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi u komunikati minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

**Sylvester James Hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kollha kontrih u tikkundannah ghal sentenza ta' prigunerija effettiva ghal perjodu kumplessiv ta' erba' (4) snin mill-lum minn liema terminu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-hati ga ghamel taht arrest preventiv u multa ta' mija u sittax -il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tlettin Euro (€30) kull xahar

bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xhar wara li l-perjodu ta' prigunerija jigi skontat. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħatja Reginald James u Sylvester James taħt obbligazzjoni tagħhom personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000) u li fil-kaz ta' Sylvester James din l-ordni tidhol fis-sehh immedjatament wara li jkun skonta l-perjodu ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hatja a favur ta' Kyle Dominic Galea u l-familja tieghu ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittma u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hatja milli javvicina, jikkuntattjaw, jimmolestaw jew b'xi mod isegwu l-movimenti tal-vittma jew familtu.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hatja Sylvester James u Reginald James ihallsu, ugwalment bejniethom, lir-Registratur l-ispejjez tal-espert mahtur it-tabib Dr. Mario Scerri fis-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin Euro (€273.00).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar l-4 ta' Settembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**